# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# INFERJURI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tal-20 ta' Gunju 2001**

Avviz numru 55/91

Gaetano Grech

-vs-

Lewis Calleja

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-attur tal-5 ta' Dicembru 1991 fejn talab li fi zmien qaisir u perentorju li jigi lill-konvenut prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jizgombra totalment mill-porzjoni art imsejha "Tal-Harrax", li qeghdha fil-limiti tar-Rabat, Ghawdex tal-kejl ta' cirka erbgha mija u tmenin metri kwadri (480m2) jew kejl verjuri u tmiss mit-tramuntana u lvant ma' beni ta' Krispin Farrugia jew is-successuri tieghu fit-titolu, u minn nofsinhar ma' beni ta' l-istess attur, liema porzjoni art hija ahjar indikata fuq is-site plan hawn annessa u markata bhala dokument A u liema porzjoni art l-konvenut qieghed jokkupa minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez komprizi ta' l-ittra ufficcjlai tal-15 ta' Ottubr 1991 u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvneut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek.

Ghal-finijiet tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizzju tal-istess art ma jeccedix l-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Lewis Calleja fejn eccepixxa illi:

1. qabel xejn l-attur irid jipprova t-titolu tieghu ghar-raba in kwistjoni.

2. Illi fit-tieni lok, l-eccipjenti qieghed jokkupa r-raba in kwistjoni bil-permess u bil-kunsens ta' missieru Joseph Calleja li huwa l-gabillott ta' l-imsemmija raba.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezaminat l-atti u d-dokumenti kollha kompriza x-xhieda u r-relazzjoni tal-perit tekniku nominat;

Semghet it-tratazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mill-assiem tal-provi lill-Qorti rrizultalha li l-ghalqa meritu l-kawza hi dik kulurita bl-ahmar fuq il-pjanata dok GG1, folio 76. Tinsab deskritta bhala dik ta' kejl superficjali ta' elfejn u mitejn metri kwadri (2200m2) fuq il-pjattaforma gholja. Jirrizulta mil-librett esebit (folio 44) li meta giet intavolata l-kawza, l-attur Gaetano Grech, kellu din l-ghalqa flimkien ma' estensjoni ohra bi qbiela ghandu ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15) fis-sena. Mill-provi ma johrogx car jekk din l-ghalqa imsejha "Tal-Harrax" tikonsistix unikament mit-territorju markat fuq il-pjanta fuq riferita u kulurit bicca bl-ahmar u bicca bl-ikhal. Altrimenti, jidher li l-estenzjoni kollha ta' l-art, ossija dik kulurita bl-ahmar u bl-ikhal, hi detenuta mill-attur, b'dik il-parti ikkulurita bl-ikhal li hi bi qbiela fil-pussess ta' Joseph Calleja, missier il-konvenut.

Il-Qorti fehmet li l-vertenza ta' din il-kawza tirrigwarda l-ghalqa kulurita bl-ahmar dwar liema l-attur pproduca diversi xhieda li kkonfermaw li f'xi perjodu huma kienu krew l-ghalqa minghand l-attur. Mill-pjanta esebita mar-relazzjoni jirrizutla li l-ghalqa fiha zewg dwejriet (gia tlieta) u mansab qadim u ghalhekk prettament intiza ghall-kacca u insib.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut m'ghandux ikun hemm dubbju li hu jippossjedi titolu fuq l-art u li anke qua kerrej seta' jintavola u jsostni din il-kawza.

Illi rigward it-tieni eccezzjoni kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova hu din l-eccezzjoni. Primarjament kellu jipprova li missieru kien il-gabilott ta' dina l-art u ukoll li hu kien qed jiddetjeni l-art bil-kunsens ta' missieru. Mix-xhieda minnu prodotta dan, fil-fehma tal-Qorti, ma giex pruvat. Jekk verament, kif stqarr missier il-konvenut (folio 59), li art ilha f'idejn il-familja tieghu ghal zmien twilu tinsab hekk imqabbla l-ebda prova dokumentarja ma giet provudta. Lanqas jirrizulta xi titolu iehor, mank titolu prekarju, li jaghti support ghall-pretensjoni vantata mill-konvenut fuq l-art de quo. Anzi l-preponderanza tal-provi imressqa se mai jippruvaw il-kuntrarju cioe' li l-art de quo kienet u baqghet detenuta mill-attur kif evidenzjat mill-fatt li hu kriha successivament lil diversi nies li ukoll stqarrew li l-konvenut u l-awturi tieghu

zammew dejjem lil hemm mic-cint (muri fil-pjanta citata) li jaqsam l-ghalqa minn dik kontigwa.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, il-Qorti qeghdha tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-kovnenut li zmien mhux aktar tard minn hmistax-il jum mil-lum jizgombra mill-ambjenti kollha tal-ghalqa imsejha "tal-Harrax" delinjata bl-ahmar fuq il-pjanta dok GV1 (folio 71/72).

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

(ft.) A. M. Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur